PAĠNA VOJTA



# Eżami li jikkwalifika għall-Post ta' *Security Guard*

# Fis-Servizz Pubbliku ta' Malta

| | |
|---|---|
| Suġġett: | IL-MALTI |
| Data: | Novembru 2021 |
| Ħin: | 09:00 – 10:30 (Siegħa u nofs) |

**Struzzjonijiet ġenerali: Din il-karta tal-eżami fiha TLIET taqsimiet, Taqsima A, Taqsima B u Taqsima Ċ. Il-kandidati jridu jwieġbu it-TLIET taqsimiet u għandhom jaqraw sew l-istruzzjonijiet f'kull taqsima. Il-marki għal kull mistoqsija jidhru bejn il-parenteżi.**

## Taqsima A

**Agħżel WIEĦED minn dawn u ikteb madwar 200 kelma dwaru.**

a. Waqt lejla bix-xita.
b. Il-flus taħdem trid għalihom.
ċ. It-tagħlim ma jieqaf qatt. X'taħseb li tfisser din is-sentenza?
d. X'differenza tara bejn it-trobbija tiegħek u t-trobbija tat-tfal żgħar tal-lum?
e. Mara li tieħu ħsieb il-qtates tat-triq.
f. Kif tkun taf min huma l-ħbieb veri. **(40 marka)**

## Taqsima B

**Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet kollha li hemm taħtha.**

Dan l-aħħar Bertu kien iltaqa' ma' Karmni l-Belt. Kienet saret bidla sewwa fiha. Il-ħmieġ mar mill-isfar ta' xagħarha, imma xagħarha qabel kien jixirqilha iżjed minn issa, u għalkemm kulur wieħed, qisu isfar jidħol fl-aħmar, xuxitha saret bħal tixhed li sabet flixkun żebgħa jgħinha. It-tikmix f'wiċċha, issa li s-smura mnissla mix-xemx taffiet ftit, sar jidher saħansitra iktar minn qabel – gandotti suwed imħaffrin f'kull direzzjoni fil-ġilda.

Ommha kienet mietet, qaltlu.

"Jiddispjaċini, ħej. Imma x'tistenna ... kellha iktar minn disgħin sena."

"Tassew. Imma sa ftit ilu kienet għadha tajba, jaħasra. M'għedtx li se titlaq hekk."

Żeppi kien dara jsuqha l-karozza li xtraw, iżda qajla kien joħroġ biha għax ħlief sab ħanut tal-inbid jintelaq jilgħab il-karti u jippintja ma riedx. Id-dar ma kellux sabar għax kien jgħid li jimrad il-ġurnata kollha jħares, u fniek ma setax iżomm minħabba l-ġirien.

"Għamel żewġ kaxxi fil-bitħa, ma ħamluhx għax qalu li qed jagħmlu r-riħa. Wassluna għand il-puluzija."

Għall-ewwel kien jitla' s-Siġġiewi – jaqsam minn Ħ'Attard għal minn ġo Ħaż-Żebbuġ ma kellux bogħod u bil-karozza jasal f'kemm trodd salib, Imma qata' minn hemm. Sab li ħbiebu ta' dari l-biċċa l-kbira m'għadhomx jiltaqgħu, u x-xjuħ li jkunu mfattrin taħt San Nikola fil-misraħ 'l isfel mill-knisja kienu saru jdejquh, ħlief fuq politika ma jreddnux. Spiċċa dejjem imwaħħal fil-ħanut tal-inbid u dejjem bil-geddum.

"Kollox bil-maqlub. Wara li dari min jaf kemm ħalef li ddejjaq fil-blat ta' Wied Gerżuma, issa sikwit jitfagħha li jixtieq li għadna hemm. Kultant ikun mejjet biex joħroġ għall-fenek, Xi minn daqqiet ngħid li qed jagħmel f'qalbu."

Bertu qalilha biex ma toqgħodx tħammem: Żeppi jilħaq jidra.

"Wara kollox, ara kemm qiegħed iżjed galbat issa, isib kull ma jrid. U ma jridx joqgħod jitfarrak hu u jħalli lilek taqsam dahrek kuljum, lanqas."

"Iva, kieku. Imma, ma nafx, qiegħed iħassibni. Kultant ngħid ma baqagħlux ħajja wisq. Iż-żmien beda jidher fuqu. Tgħidx kif nieżel dil-ħabta."

Meħuda u addattata minn "Nemes", novella ta' Lino Spiteri.



**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet:**

1. **Ikteb "VERU" jew "FALZ" għal kull waħda minn dawn is-sentenzi t'hawn taħt:**

   a. Il-frażi "flixkun żebgħa jgħinha" turi li l-kulur ta' xagħarha ma kienx naturali.
   b. Omm Karmni kienet għadha mimlija bl-għomor.
   ċ. Flok il-kelma "tħammem" ir-rakkontatur seta' uża "titħasseb".
   d. Saħħet Żeppi tidher li kienet marret lura.
   e. Sħab Żeppi ma kinux jieħdu gost jitkellmu fuq politika.

   **(20 marka)**

2. **Wieġeb dawn il-mistoqsijiet skont is-silta:**

   a. Min iltaqa' ma' Karmni l-Belt?
   b. Jidher li Bertu ra xi tibdil f'Karmni. Fi kliemek uri tibdila waħda li seħħet fiha.
   ċ. Fis-sitt paragrafu hemm verb li juri li l-ġirien irrapportaw lill-pulizija dwar il-fniek. Liema hu?
   d. Agħti żewġ raġunijiet għala Żeppi ma' baqax kultant jitla' sas-Siġġiewi.
   e. Il-verb "nieżel" fl-aħħar paragrafu juri ... Kompli s-sentenza.

   **(20 marka)**

## Taqsima Ċ: LINGWA

**Wieġeb l-eżerċizzji kollha li ġejjin. Din it-taqsima fiha 20 marka.**

3. Qassam dawn in-Nomi f'żewġ kolonni - **MASKIL** u **FEMMINIL**:

   ras, sema, ruħ, triq, iben, poeta, tfajla, xemx, ġeru, għażeb **(10 marki)**

4. (a) Agħti l-**PLURAL MIKSUR** ta' dawn in-nomi:

   elf, ċurkett, wiċċ, zokk, fellus

   (b) Ikteb dawn il-kelmiet bl-**ARTIKLU** quddiemhom:

   arja, ksieħ, mqass, raħal, għolja **(10 marki)**

**Total: 100 marka**

# TMIEM IL-KARTA TAL-EŻAMI